MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 232/1995/1

**Stephen u Catherine konjugi Borg ghan-nom u fl-interess ta' binthom minuri Sharon Borg**

**Vs**

**Daniel Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur et nomine talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur et nomine s-somma ta' Lm150 in linea ta' danni mill-konvenut kagunati lill-istess minuri f'incident tat-traffiku li gara fid-29 ta' Marzu 1993 ta' liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli. Bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni. U inkluzi fl-ispejjes t-taxxi tal-VAT.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 11 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok l-atturi ghandhom jipprovaw l-interess taghhom sabiex jipproponu l-avviz odjern;

2. Bla pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ma jahtix ghall-incident de quo.

3. Illi f'kull kaz trid tingieb il-prova tad-danni.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta fl-17 ta'Gunju 1976 (fol 15 tal-atti) u li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni kif hawn fuq premessa.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut (fol 52 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi l-azzjoni attrici, stante illi si statta ta' azzjoni ghall-hlas tad-danni, hija preskritta bit-trapass ta' sentejn mid-data tal-incident.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta, 14 ta' Marzu 2001 (fol 71 et seq ibid) u li biha giet michuda l-eccezzjoni ulterjuri kif proposta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-atturi sottomettew is-segwenti provi in sostenn ta' dak premess fl-avviz in esami :-

1. L-avukat tal-istess attur et nomine, Dottor John Buttigieg (fol 17 et seq ibid) spjega li l-konvenut, meta

gara dan l-incident kien ghadu minorenni u ghalhekk kien kiteb ittra dwar l-istess kaz lil missier dan, Emanuel Muscat, liema ittra bid-data tad-<u>19 ta' April 1994</u> tinsab annessa bhala kopja, a fol 19 ibid). Konsegwentement, l-istess konvenut u missieru, flimkien, kienu marru fl-ufficju tal-istess Avukat u <u>l-istess konvenut kien ammetta r-responsabbilta tieghu</u> ghal dan l-incident. Hawnhekk, ix-xhud kien irrediga skrittura privata, f'dan is-sens, liema skrittura li ggib id-data tal-<u>5 ta' April 1993</u>. Pero l-istess skrittura ma kienetx giet iffirmata mill-partijiet involuti in vista li l-istess Avukat kien qal lill-konvenut jew missier dan 'Ahjar qabel ma tiffirmaha tqabbad avukat biex jkun jista' jaghtik parir'. Fl-ahharnett ix-xhud kjarifika li l-konvenut kien ammetta r-resposponsabilta tieghu, kif di gja nghad 'izda ma ffirmahiex … ghax kien sab lill-attur u ried jirranga basta jahfirlu fil-kawza kriminali u fil-fatt fil-kawza kriminali konna hfirniehilu minghajr pregudizzu ghad-danni civili'.

Illi dwar ix-xhieda premessa, ghandu jigi rilevat li l-imsemmija skrittura,filfatt, iggib data precedenti ghal dik specifikata fl-ittra msemmija li ghaliha rrefera l-istess xhud. Ghalhekk presumibilment, dan kien qed jirreferi ghal ittra ohra mibghuta qabel ma saret l-istess skrittura, liema ittra, pero' ma gietx esebita. Inoltre dwar <u>l-ammissjoni o meno',da parti tal-konvenut jew missieru</u> li accenna ghaliha l-istess xhud, ghandu jinghad li din jidher li saret, <u>b'mod kondizjonial</u> fis-sens li l-atturi kellhom jirtiraw il-proceduri kriminali li kienu ittiehdu mill-Pulizija fil-konfront tal-istess konvenut. Dwar dan ghandha ssir referenza ghad-dokument a fol 64. Minhabba tali kondizzjoni ossija promessa ta' vantagg l-Qorti ma tarax li tista' taccetta l-premess bhala prova ta' ammissjoni ta' responsabilta da parti tal-konvenut in vista li dan, jew missieru, setghu ghamluha ghall-iskop premess u b'hekk ma tistax tigi konsiderata bhala maghmula volontarjament. Ghandu jigi notat ukoll li meta <u>l-konvenut</u> ormai maggorenni xehed quddiem din il-Qorti hu cahad li dan u, filfatt, testwalment qal 'Jiena qatt ma mort fl-ufficcju ta' Dr John Buttigieg u accettajt ir-responsabbilta tieghi ghal incident'. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li ma tistax

tikkonsidra li l-konvenut, effettivament ammetta tali responsabilta'.

2. Il-parti lesa, Sharon Borg, minorenni ukoll, meta gara dan l-incident, (fol 27 u 28 ibid) irrakontat li, fil-Pjazza tal-Mosta, kienet rat lill-konvenut li kien qed jsuq karozza tal-marka 'Ford Fiesta', liema konvenut habib taghha qalilha sabiex tirkeb mieghu fuq l-istess karozza, flimkien ma zewgt ihbieb taghha, u jmorru flimkien sabiex jiltaqghu ma habib tal-konvenut vicin l-Iskola tan-Naxxar. Hi hekk ghamlet, wara li ssottolineat li ma kienetx taf li l-istess konvenut ma kellux licenzja tas-sewqan. In rigward l-incident in esami, li fih garbet xi griehi kif deskritti fix-xhieda tal-attur, missierha (fol 24 u fol 29 et seq ibid) hi kull ma qalet kien li ma kienetx tiftakar minn fejn ghaddew sabiex jaslu fil-post fejn dan gara' f'Hal Lija u li 'Hemmhekk dhalna go xarabank'.

3. L-istess attur, Stephen Borg,sahaq li kien gie jkellmu missier il-konvenut, dwar dan l-incident u dan kien qallu in konnessjoni mal-griehi li kienet garrbet bintu 'jekk hemm bzonn taghmel xi haga ghamilha imbaghad inhallsek'. Imbaghad hu spjega dak li kien gara fl-ufficju tal-Avukat Dottor John Buttigieg, kif hawn fuq premess u t-trattativi li kienu saru, dejjem ma missier l-istess konvenut (ara ukoll l-ircevuti ta' spejjes, inkorsi minnu a fol 29 et seq ibid).

4. PS 777 Joseph Zammit (fol 45, 56 u 63 et seq ibid) esebixxa biss zewg rapporti (fol 58 u 65 tal-atti) minn fejn jdher li l-istess incident gara fin-Naxxar. Ix-xhud issottolinea li meta mar fuq l-post tal-incident 'ma sibt xejn'.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 81 et seq ibid) kif di gja inghad, xehed, li,fil-lokalita deskritta minnu fin-Naxxar, '….. kont ser nohrog minn triq u giet karozza tal-linja minn fuq il-lemin tieghi daret u giet 'wrong side' u b'velocita accessiva meta hu kien wieqaf fuq sinjal ta' 'stop. Wara l-habta, jidher li l-istess xarabank baqghet sejra l'hemm minghajr ma tieqaf. Dwar l-istess kaz, kienu ttiehdu proceduri kriminali kontra

tieghu, in konnessjoni ma sewqan bla licenzja u kien instab hati ta’ din l-akkuza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dwar il-premess u t-talba in esami ghandu jinghad li:-

1. Kif di gja premess, ma irrisultax b’mod konvincenti fuq basi ta’ probabilta illi l-incident ammetta r-responsabbilta ghal dan l-incident;
2. Hu minnu li l-istess konvenut kien qed jsuq karozza minghajr licenzja tas-sewqan. Pero dan il-fatt ‘per se’ ma jikkostitwix sewqan b’mod negligenti u mill-provi prodotti kief hemm fuq esposti, ma irrisultax li effettivament hu kien qed jsuq b’dan il-mod.

Illi, ghalhekk, il-Qorti ma tistax takkolji t-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-attur et nomine.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------